**DISKORS MILL-EĊĊELLENZA TAGĦHA MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA, PRESIDENT TA' MALTA, WAQT IĊ-ĊERIMONJA TAL-GRADWAZZJONI**

**SAN BLAS IL-ĠIMGĦA 23 TA' ĠUNJU 2017**

**Eċċellenza Monsinjur Arċisqof Charles J. Scicluna**

**Sinjuri**

**Għeżież gradwati**

**Huwa tassew ta' pjaċir u unur għalija li, qed ningħaqad magħkom, għal din iċ-ċelebrazzjoni annwali.**

**Irrid nibda mill-ewwel, billi nirringrazzja lill-Caritas u lit-team ta' professjonisti u *workers* oħra, fi ħdan il-Caritas, li taħdmu bla waqfien, b'risq is-soċjeta' Maltija.**

**Grazzi minn Qalbi.**

**F'din l-okkażjoni, dejjem nirringrazzja lil Alla, għad-dehen u l-viżjoni li ta il-Monsinjur Victor Grech, snin kbar ilu, biex b'tant kuraġġ u b'determinazzjoni ta bidu għal din l-organizzazzjoni.**

**Il-Caritas, matul dawn is-snin kollha, kienet fundamentali, biex, tagħti lura tant ħajjiet għeżież, lil tant familji, u lil Malta tagħna.**

**Żgur li mingħajr dan ix-xogħol kbir, li ta' kuljum jitwettaq b'tant dedikazzjoni, mill-Caritas, ma kienx ikun possibbli li tant familji u individwi jerġgħu jiksbu r-rispett u d-dinjita' fil-ħajja tagħhom.**

**Għeżież gradwati, zgur li qed tħossukom kburin illum, li nġbartu hawn għall-gradwazzjoni tagħkom, imdawrin bi ħbiebkom, il-familji tagħkom u n-nies li għenukom matul dan il-proċess ta' tagħlim u rijabilitazzjoni.**

**Aħna lkoll kburin bikom, li wasaltu s'hawn, iżda qiegħdin magħkom llum, mhux biss biex nifirħulkom, iżda biex inħeġġukom tkomplu tagħmlu kuraġġ.**

**Huwa importanti li tifhmu li l-ħajja qatt mhi faċli, u l-ħiliet li akkwistajtu bis-saħħa tal-programm, se tiġu bżonnhom ferm aktar, issa li tridu terġgħu toħorġu lura fid-dinja.**

**Ir-reżiljenza li tgħallimtu tibnu matul il-programm, tridu żżommuha ħajja, u ssostnuha il-ħin kollu, biex tiffaċċjaw ir-realtajiet u l-isfidi f'ħajjitkom.**

**Għeżież gradwati, għandu jkollkom fiduċja fikom nfuskom, u fl-istess waqt ma' tinsew qatt li m'intkomx waħedkom, anzi, b'sens ta' ferħ, irrid infakkarkom, li l-Caritas, u l-familja tagħkom, qiegħdin dejjem hemm għalikom.**

**Minn naħa l-oħra, irrid nappella lill-poplu tagħna, biex lil dawn l-għeżież gradwati tagħna llum, u oħrajn qabilhom, nkomplu nagħtuhom is-sapport, ir-rispett u d-dinjita', ħalli aħna wkoll ngħinuhom, fit-tisħiħ tar-reżiljenza, biex jkunu kapaċi jkomplu jissudaw fi triqithom għal ħajja aħjar.**

**Irrid nieħu l-opportunita' wkoll, biex nappella lill-awtoritajiet tagħna, biex lil dawn l-għeżież gradwati tagħna llum, u ta' qabilhom, jkomplu jagħtuhom l-appoġġ li għandhom bżonn.**

**Nappella wkoll, biex issa li se jibdew triqithom, jingħataw l-għajnuna li għandhom bżonn, biex jiksbu d-dinjita' sħiħa tagħhom.**

**Filwaqt li huwa importanti li nirrikonoxxu, it-tant u tant bidliet għall-aħjar, li l-awtoritajiet diversi tagħna għamlu, fil-liġijiet u fil-policies, matul is-snin, biex nagħtu aktar sapport lil dawk li jirrijabilitaw ruħhom, mill-vizzju tad-droga, jinħtieġ li ma nieqfux hawn, iżda nkomplu ntejbu kemm il-liġijiet, kif ukoll il-**

**policies tagħna, biex dawn l-għeżież ħutna u uliedna, jkunu f'qagħda li jilqgħu għall-isfidi u r-realtajiet tal-ħajja.**

**Mill-esperjenzi li qasmu miegħi ħafna żgħażagħ, li għaddew mill-proċess ta' rijabilitazzjoni, u li reġgħu lura għall-ħajja fil-kommunita', xtaqt insemmi xi aspetti li ta' spiss, jkellmuni dwarhom, u li għadhom jinkwetawhom.**

**Per eżempju, jgħiduli kemm ibatu minħabba li l-kondotta tibqa mċappsa, meta jmissu mal-ġustizzja.**

**Filwaqt li, din il-kwistjoni tissemma' ta' spiss, għad jeħtieġ li nindirizzawha, biex dawn ħutna u uliedna, ma jibqgħux ittimbrati, u ma' jibqħux jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiksbu anke opportunita' ta' xogħol. Ix-xogħol jgħinhom jieqfu fuq saqajhom, u jkomplu bi triqithom.**

**Kwistjoni oħra li tinwkieta lil ħafna minn dawn ħutna u uliedna, hija d-diffikulta' ta' fejn se jmorru joqgħodu, malli joħorġu mill-programm. Ħafna minnhom ma jkollhomx fejn jgħixu. Lanqas mezzi finanzjarji biżżejjed biex ifendu għal rashom, ikollhom.**

**Għaldaqstant nappella wkoll, lill-awtoritajiet tagħna, biex dawn in-nies jingħataw l-attenzjoni urġenti, biex malli jlestu l-programm, ikollhom l-għajnuna biex jakkwistaw akkomodazzjoni soċjali li tixirqilhom.**

**Diffikulta' kbira oħra hija l-kwistjoni ta' meta jkollhom każijiet pendenti fil-qorti, wara li jkunu spiċċaw il-programm.**

**Nappella lill-awtoritajiet tagħna biex nindirizzaw din id-diffikulta, għaliex għandna sitwazzjonijiet, li wħud minn dawn ħutna u uliedna, wara li jkunu spiċċaw il-programm, jibqagħlom każijiet pendenti, għax il-Qorti ma' tittrattax il-każijiet flimkien, u wħud minnhom saħansitra, anke jispiċċaw il-ħabs, wara li jkunu irrijabilitaw ruħhom fis-soċjeta'.**

**Jien konvinta li lkoll kemm aħna naqblu li m'għandniex nittrattaw lil dawn ħutna u uliedna, li diġa jkunu issieltu biex jegħlbu l-vizzji tagħhom, bħala kriminali.**

**Anzi nemmen li aħna lkoll nifhmu, li irridu nagħmlu dak kollu li nistgħu, sabiex nibqgħu nagħtu l-għajnuna, s-sapport u t-tama.**

**Għaldaqstant, nappella lill-poplu tagħna u lill-awtoritajiet biex l-enerġija u l-investiment li tagħmel il-Caritas, ma jinħlewx. Għalhekk nappella biex naħdmu aktar biex inbiddlu, l-liġijiet, fejn hemm bżonn.**

**Minn naħa l-oħra, għeżież gradwati, huwa importanti li tkomplu ssostnu il-ħiliet li akkwistajtu, billi tkomplu ssegwu, dak li jiġi ndikat lilkom, anke permezz tal-*evening programmes* li tagħmel**

**il-Caritas, biex tkomplu ssaħħu il-ħiliet tagħkom bħala prevenzjoni kontra r-*relapsing*.**

**Nirringrazzjaw lil Alla, li l-Caritas qed tipprovdi wkoll dan l-appoġġ. Għaldaqstant issa, għeżież gradwati, nixtieq inħeġġiġkom biex ma' tiddejqu qatt tersqu 'l quddiem, biex tieħdu dawn l-opportunitajiet, ħalli tassiguraw li l-investiment li għamiltu fikom nfuskhom, biex tiksbu r-rispett u d-dinjita', tkomplu ssostnuh.**

**Minn naħa l-oħra, irrid nieħu l-opportunita' biex nappella, ħalli bħala nazzjon, nkomplu naħdmu kemm nifilħu ħalli niġġieldu lill-organizzazzjonijiet kriminali, li qed jimpurtaw u jqassmu d-drogi illegali, u li qed jagħmlu flus minn fuq dahar it-tbatija ta' ħutna u uliedna, u l-familji tagħna.**

**Jeħtieġ li lkoll nkunu kuraġġużi u determinati bħala poplu, biex, niġġieldu din is-susa soċjali, li qed therri u tnawwar lill-kommunitajiet u lis-soċjeta' tagħna.**

**Inkompli nħeġġeġ lill-familji tagħna u l-poplu in ġenerali biex naħdmu ħalli nsibu modi aktar innovattivi ta' kif inrawmu bidla kulturali mill-għeruq tas-soċjetà tagħna, li tippromovi d-dinjità, u r-rispett lejn l-individwu, ħalli t-tfal u ż-żgħażagħ tagħna jkollhom l-kunfidenza fihom nfushom, u r-reżiljenza meħtieġa, biex jiffaċċjaw l-isfidi tal-ħajja.**

**Għalhekk ukoll, jeħtieġ li nkomplu ninvestu fi strateġiji preventivi, u edukazzjoni bikrija.**

**Fl-aħħarnett, irrid nindirizza lilkom, għeżież gradwati, u rrid nindirizzakhom, b'dawn il-kliem, ta' ispirazzjoni, li kien qal il-filosofu kontemporanju Albert Camus:**

**"Fl-eqqel tax-xitwa, skoprejt li kien hemm ġo fija, sajf invinċibbli. U dan jagħmilni ferħan. Għax ifisser illi anke jekk id-dinja tħabbat kontrija, hemm xi ħaġa aqwa ġo fija. Hemm xi ħaġa aħjar li qed timbotta lura".**

**Għeżież gradwati, j'Alla dan il-kliem ta' dan il-filosofu kontemporanju, Albert Camus, li għex madwar ħamsin sena ilu, jibqa' f'moħħkom, u f'qalbkom, ħalli ssibu reżiljenza ġewwa fikom, kontra l-isfidi li għad tridu tiffaċċjaw.**

**B'hekk, dan il-programm, ikun tassew investiment għall-ħajjitkom.**

**Jiena kburija ħafna bikom.**